**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 12 ta' Marzu, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**
**-vs-**

**Vito Campanella, detentur ta' Karta tal-Identità numru 227004A**

*Kumpilazzjoni Nru. 94/2023*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Vito Campanella** u ċioe` talli:

Nhar is-Sibt, 21 ta' Jannar 2023, bejn is-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) ġewwa Triq ix-Xitwa, San Pawl il-Baħar:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Clayton Carl Mangion f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Clayton Carl Mangion, hekk kif ġie iċċertifikat mit-tabib Dr. Bernard Spiteri Meilak bin-numru ta' reġistrazzjoni 4772 minn ġewwa c-ċentru tas-saħħa tal-Mosta u dan bi ksur tal-artiklu 214, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u taħt l-istess ċirkostanzi b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artiklu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà' ta' Clayton Carl Mangion ai termini tal-artikoli 382A, 383,384, 385 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Settembru, 2023[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 216, 218 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tat-23 t' Ottubru, 2023, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

## IL-PROVI

**L-Ispettur Christian Cauchi**, spjega li huwa kien ġie infurmat li fil-21 ta' Jannar tas-sena 2023, ghal ħabta tat-8:30 ta' filgħaxija, kien inqala argument bejn żewġ irġiel. Jispjega li fit-22 ta' Jannar 2023 fil-11:15am, huwa ha l-istqarrija tal-imputat Vito Campanella. Mill-istqarrija rriżulta li Campanella kien mat-tfajla tiegħu Zsanett Balzan u marru jixtru mill-Spar Supermarket ta' San Pawl il-Baħar. Skont l-imputat, kif Balzan ħallset bil-*card* bankarja ta' Campanella, hu rċieva *sms* u għalhekk saq sabiex jiġborha minn quddiem is-supermarket. F'dak il-mument, Campanella lemaħ lil Balzan kif ukoll ra lill-parte leża li kien jidher

[1] Fol.103-104

[2] Fol.106

pjuttost aggressiv fil-konfront ta' Balzan. L-ispettur ikompli jispjega li Campanella stqarr li hu ħareġ mill-karozza u beda jgħid lil Mangion *"calm down, calm down"* u għamel idejh quddiemu biex jiddefendi lit-tfajla tiegħu. Kif għamel hekk, Mangion ħabat għalih u qabad itieh bil-ponn.

L-ispettur jispjega ukoll li meta staqsa lil Campanella fuq jekk kienx gara xi fliexken tal-ħġieġ lejn Mangion, dan wieġeb li t-tfajla tiegħu kienet xtrat flixkun tal-birra li dan kien waqa' mal-art waqt il-kommozzjoni.[3]

L-ispettur esebixxa ukoll estratt tas-*CCTV footage* meħud mill-cameras ta' barra tas-Supermarket SPAR.[4]

Mill-**Current Incident Report**[5] jirriżulta li fil-21 ta' Jannar 2023 għal ħabta tat-7:45pm, nqala argument quddiem l-SPAR Supermarket ġewwa San Pawl il-Baħar. Meta l-Pulizija marret fuq il-post, sabet żewġ rġiel jargumentaw, liema argument żvolġa minn ġewwa s-supermarket u sussegwentement skala barra s-supermarket fejn hemmhekk iż-żewġ rġiel ġew fl-idejn. Clayton Carl Mangion kellu jinżamm mill-Pulizija stante li kien aġitat u baqa' jargumenta fil-preżenza tal-Pulizija. Infatti, kif ġie mistqarr fir-rapport, Mangion kellu jittieħed ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra. [6]

Għal ħabta tat-8:30pm ittieħdet l-istqarrija ta' Mangion fejn dan stqarr li ghal ħabta tas-7:30pm hu, flimkien mat-tfajla tiegħu, marru jixtru mis-supermarket SPAR fejn waqt li kienu hemm, għaddiet Balzan (it-tfajla tal-imputat) u meta għaddiet minn ħdejn l-imputat din qaltlu *"nice"*. Mangion spjega li huwa kien jaf lit-tfajla minn fuq il-Facebook għaliex kienu jitkellmu madwar sitt xhur qabel iżda qatt ma kien ltaqa' magħha u qatt ma kien hemm xejn bejniethom. Kompla jispjega li wara li Balzan għaddiet dan il-kumment, *"he went after her to ask her why she had done it"* u hemm żvolġa argument ma raġel li intervjena. Mangion tenna li hu ma riedx argumenti iżda ried ikun jaf għaliex qaltlu hekk quddiem familtu tenut kont li qatt ma kien hemm argumenti bejniethom fil-passat.[7]

Kif appena l-imputat ħareġ mill-karozza, dan qabad jistaqsi lil Mangion x'kien qed jgħid lit-tfajla tiegħu u hu irrisponda li ried ikun jaf għaliex għaddietlu kumment *"nice"*. Kien f'dan il-ħin li l-imputat taha daqqa lil Mangion tant li

---

[3] Fol.21-23

[4] **Dok.CCTV** a fol.28. Konfermat minn **Paul Michael Kelly**, Head of Operations ma' SPAR Malta (fol.40-41) li kien hu li għaddieh lill-Pulizija.

[5] **Dok.CA** a fol.16 et seq

[6] Fol.18

[7] Ibid.

ħariġlu d-demm mill-*braces.* Hu baqa jiddefendi ruħu mill-imputat sakemm wasslu l-pulizija.[8]

Il-Qorti hawn tirrimarka li għalkemm Mangion jgħid li kellu d-demm li ħareġ mill-*braces,* PC1109 Scerri li kien ma Mangion, jixhed li *"Dak il-ħin ma kienx hemm dmija u hekk biex niftehmu".*[9]

Fid-8:45pm ittieħdet il-verżjoni ta' Christina Zammit, it-tfajla ta' Mangion, fejn spjegat li ghal ħabta tas-7:30pm waqt li hi u Mangion kienu ġewwa l-Spar Supermarket, hija ċediet lil tfajla, Balzan, sabiex tgħaddi minn quddiem il-*pushchair* tat-tarbija tagħha biex tmur ghal *cash.* Kif appena għaddiet, Mangion staqsa lil Zammit jekk semgħatix tgħidlu l-kelma *"nice"* u hemm ratu jsegwiha. Hi ħallset u ħarġet barra biex timmitiga s-sitwazzjoni għaliex semgħet kommozzjoni barra. Sakemm ħarġet l-argument kien wieħed verbali iżda wara l-imputat taha daqqa lil Mangion. Moħħha kien li tipproteġi lit-tarbija u għalhekk ma nvolvietx ruħha fl-argument. Rat li l-irġiel ġew mifrudin minn *passers by.*

Għal ħabta tad-9:30pm ittieħdet il-verżjoni tal-imputat fejn dan stqarr li ghal ħabta tas-7:30pm huwa kien qiegħed jistenna fil-karozza tiegħu barra SPAR supermarket jistenna t-tfajla li daħħlet tixtri bil-*bank card* tiegħu. Kif huwa rċieva messaġġ li kienet intużat il-*bank card*, saq ghal quddiem is-supermarket sabiex jiġbor lil Balzan. Hemmhekk innota lil Mangion li kien aggressiv ma' Balzan u għalhekk ħareġ mill-karozza u mar fuqu biex jistaqsih x'ġara. Campanella ma kienx jaf x'gara iżda mar sabiex jipprova jikkalma lil Mangion għax ħaseb li ser jattakka lit-tfajla tiegħu u għalhekk imbuttah ftit sabiex jiddefendi lil Balzan. Kif sehh hekk, Mangion qabad jagħti lill-imputat u tefgħu mal-art. Campanella jgħid li tefgħu mal-art xi tlett darbiet u kien hemm nies li firduhom sakemm il-Pulizija wasslet fuq il-post.[10]

Da parti tagħha, Zsanett Balzan ma tatx il-verżjoni tagħha iżda stqarret biss li **kieku ma ntervjeniex l-imputat (Campanella) hija kienet ser tispiċċa tweġġa**.[11]

Jirriżulta ukoll li l-Pulizija ġabret *CCTV footage* tal-cameras li hemm ġewwa u barra s-supermarket. Fil-filmat jidher Mangion barra s-supermarket jistenna, *"when* ***Clayton starts acting frantically and approaches her****. Vito* ***then*** *exits from*

[8] Fol.19
[9] Ibid.
[10] Ibid.
[11] Fol.19-20

*the BMW driver side and approaches Clayton where a brawl initiates and several bystanders intervene to seperate both Vito and Clayton until the Police arrive".*[12]

**PS 448 Clive Abela** jispjega li fil-21 ta' Jannar, 2023, għal ħabta ta' 7:45pm, il-Pulizija ġiet infurmata li fi Triq ix-Xitwa quddiem supermarket ta' San Pawl il-Baħar, kien hemm xi argument bejn diversi rġiel. Is-surġent spjega li huma marru fuq il-post u sabu kommozzjoni ta' nies involuti f'argument li kien żvolġa quddiem is-supermarket. Is-Surġent jkompli li huma rnexxielhom jikkalmaw is-sitwazzjoni u taha parir lill-imputat sabiex imur il-klinika jagħmel ċertifikat mediku. Mangion kien ukoll ġie avżat sabiex imur il-klinika jagħmel ċertifikat mediku, fejn sussegwentement ppreżenta ċertifikat maħruġ minn Dr. Bernard Spiteri Meilak li ċċertifika l-ġrieħi li sostna l-vittma bħala ġrieħi gravi. Abela jispjega ukoll li huwa ha l-verżjonijiet tal-persuni kollha involuti u ċioe tal-imputat u tat-tfajla tiegħu Zsanett Balzan, Mangion u Christina Zammit li kienet ma' Mangion.[13]

Mill-verżjonijiet li ttieħdu, rriżulta li Balzan kienet taf lil Mangion fuq is-*social media*. Meta hija daħlet fis-supermarket u lemħet lil Mangion mat-tfajla, hija għaddietlu kumment u qaltlu *"nice"*. Da parti tiegħu, Mangion ħassu offiż u baqa' ħiereġ wara Balzan għas-sodisfazzjon.

Mill-filmati elevati tas-supermarket, jidher li **Mangion baqa' jistenna lil Balzan barra s-supermarket**. Meta din ħarġet, ghalkemm Balzan baqgħet sejra lejn il-karozza fejn kien hemm Vito, **Mangion avviċinaha** u kien hemmhekk li l-imputat ħareġ mill-karozza u ġew fl-idejn.[14] Meta waslu fuq il-post, is-surġent setgħa jinnota li Mangion kellu xi ġrieħi f'wiċċu filwaqt li fuq l-imputat ma rax ġrieħi viżibbli. Madanakollu, fuq mistoqsija tad-difiza, is-Surġent spjega li l-imputat kien ukoll ppreżenta ċertifikat mediku fejn ġie ċċertifikat li sostna ġrieħi ħfief.

In kontro-eżami ikkonferma li kien Vito Campanella li insista li jaraw is-*cctv footage* mis-supermarket kif ukoll li l-imputat sofra *slight injuries*. Meta wasslu fuq il-post il-pulizija il-ġlieda kienet wasslet fi Triq il-Ġilju, kantuniera ma triq ix-Xitwa fejn sabu lill-imputat miżmum lura mit-tfajla tiegħu filwaqt li l-parti l-oħra kien qed jinżamm min xi nies. Ma kienux fl-idejn iżda mifrudin.[15]
**PS 949 Matthew Calleja** jixhed kif nhar il-21 ta' Jannar 2023, waqt li kien xogħol *night watch,* għal ħabta tas-7:45pm daħal rapport li kien hemm argument fejn l-Spar supermarket fi Triq ix-Xitwa, San Pawl il-Baħar. Malli huma waslu fuq il-

[12] Fol.20
[13] Fol.12-13
[14] Fol.13-14
[15] Fol.15

post, lemħu żewġ irġiel li kienu qegħdin jargumentaw verbalment. F'dak il-ħin kellhom jintervjenu sabiex jżommu lil Clayton Mangion minħabba li dan baqa' jinsulenta lil Campanella fil-preżenza tal-Pulizija filwaqt li kollegi uffiċjali oħra bdew inkellmu lil Campanella. Minħabba li Mangion ma bediex jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija, ġie immanettjat u meħud l-Għassa tal-Qawra.[16] Ikompli li Mangion beda jgħid lil Campanella *""**Ejja ha nsawtek, mhux ha niddejjaq minnek**", dak it-tip ta' diskors...**Clayton li beda jtawwal ilsienu..**".*[17]

**PC 1558 Nicholas Galea** akkumpanja lil PS949 u PS448 fuq il-post tal-ġlieda. Jispjega ukoll li meta kellem lill-imputat dan kien kalm u kkowopera ħafna mal-Pulizija. [18] **PC 528 Aaron Fenech** kkonferma ukoll li meta wasal fuq il-post, ra lil kollega tiegħu jżomm lil Mangion għax beda jaqla' kommozzjoni u għalhekk kellu jmur jaghti l-assistenza tiegħu sabiex jikkalmaw lil Mangion.[19]

**PC 1109 Giuseppe Scerri** spjega li fil-21 ta' Jannar 2023 kienu marru fi Triq ix-Xitwa, quddiem l-Spar supermarket ta' San Pawl il-Baħar, għaliex kienu rċevew telefonata li kien inqala argument. Jgħid li meta wasal, huwa mar fuq Clayton Mangion sabiex jikkalmah ***"għax kien qisu naqra agitat..."* u *"kien naqra nnervjat u qisu parla fil-vojt u ma riedx jobdi mill-ewwel".***[20] In fatti, jispjega li minħabba l-aġir ta' Mangion, kellhom jitfugħ fil-karozza. Fuq mistoqsija tad-difiza b'referenza għal kliem li qal Mangion, Scerri jelabora li **Mangion beda *"jisfida ghall-glied*** *u minn dan it-tip u jien innervjat. Il-bniedem ma kienx kalm ma kienx f'sitwazzjoni kalma imma kien agitat"*.[21] Il-kuntistabbli jgħid is-segwenti li għanda l-importanza tagħha tenut kont tar-riżultanzi mediċi *"Dak il-ħin ma kienx hemm dmija u hekk biex niftehmu"*.[22]

**Jonathan Mizzi** ippreżenta r-rapport tiegħu fejn fih niżżel *stills* mill-filmat esibit mill-Ispettur Cauchi.[23]Id-dinamika ta' dak li seħħ barra s-supermarket hi deskritta metikolożament mill-espert Mizzi. M'hemmx dubbju li kien Mangion li segwa lil Zsanette u saħansitra avviċina lilha biex wara jmur fuq ix-xufier tal-BMW, l-imputat odjern.

*Stqarrija*

---

[16] Fol.48-49
[17] Fol.50-51
[18] Fol.55
[19] Fol.61
[20] Fol.56-57
[21] Fol.58
[22] Ibid.
[23] **Dok.CCTV a fol.28**. Rapport ta Mizzi esebit bħala **Dok.JM** a fol.79 et seq

Fl-istqarrija[24] rilaxxata mill-imputat nhar it-22 ta' Jannar 2023, l-imputat għażel illi jwieġeb għad-domandi li sarulu mill-uffiċjali investigattivi. Hu spjega kif fil-21 ta' Jannar 2023, flimkien mat-tfajla tiegħu Zsanett Balzan marru sabiex jixtru mingħand l-Spar Supermarket ġewwa San Pawl il-Baħar. Kif waslu ipparkja l-karozza tiegħu madwar għaxar metri 'l bogħod mis-supermarket u t-tfajla tiegħu niżlet u daħlet tixtri. It-tfajla użat il-*credit card* tiegħu sabiex tixtri, u għalhekk, kif appena daħallu l-messaġġ li normalment jidħol meta juza l-*card* tal-bank, huwa saq aktar viċin is-supermarket sabiex jkun jista' jiġbor lil Balzan u jmorru d-dar. **Malli Balzan avviċinat il-vettura tal-imputat, ċertu raġel beda riesaq lejn Balzan u kien aggressiv. Meta l-imputat lemaħ lir-raġel u induna li kien aggressiv ma' Balzan**, ħareġ mill-karozza sabiex jifhem x'kien gara. L-imputat jgħid li qal lir-raġel '*calm down, calm down*'[25] u kif l-imputat tella' idejh quddiem ir-raġel sabiex jipprova jikkalmah, ir-raġel qabad jaghti bil-ponn lill-imputat u tefgħu mal-art fejn kellhom ikunu n-nies li ġibduh minn fuqu.[26]

Jingħad minn issa kif il-<u>verżjoni ta' Campanella ssib korroborazzjoni fil-filmat</u> esibit, inkwantu li kien Mangion li ħareġ riħ wara Balzan.

Meta ġie mistoqsi fuq l-ġrieħi li sofra l-vittma Clayton Carl Mangion, l-imputat jgħid li dawn ġew ikkawżati minn Mangion innifsu meta kien qiegħed isawwat lill-imputat tant li f'idejh Vito Campanella ma kellu l-ebda ġrieħi. Jgħid ukoll li l-argument inqala għaliex meta Balzan daħlet fis-supermarket, Mangion beda jittantaha, u meta Balzan ma tagħtux wiċċ, Mangion sar aggressiv. L-imputat jinnega li huwa gara flixkun tal-ħġieġ lejn Mangion. Jispjega li fost affarijiet oħra, Balzan kienet xtrat flixkun tal-birra, li meta inqala l-argument, dan waqa' mal-art u inkiser għaliex ma kienitx tefgħet ix-xirja ġo basket. Żied li ma jafx kif Mangion sostna l-ġrieħi f'wiċċu għaliex kollox gara fi ftit sekondi. Huwa ipprova jiddefendi lilu nnifsu imma ma setgħax għaliex kien għadu muġugħ minħabba li kien waqa ftit tax-xhur qabel u weġġa.

**Christina Zammit** xehdet kif fil-21 ta' Jannar 2023, bejn it-7:45pm-8:15pm flimkien mal-għarus tagħha Clayton Mangion, marret tixtri mis-supermarket SPAR ta' San Pawl il-Baħar. *"Morna nixtru go hanut u din it-tfajla lili cedietli biex nghaddi bil-pushchair kont bit-tifel u kif ghaddejt jien u ghadda l-gharus tieghi waraja qaltlu "Nice" go widnejh"*[27], però Zammit tiċċara li taf dan għaliex kif għaddiet din it-tfajla, Mangion dar ghal fuqha Zammit u qalha li dik it-tfajla kienet qaltlu *"nice"* f'widnejh. Hi <u>ma semmgħet xejn</u>. Spjegat li lil din it-tfajla hija ma tafhiex. Ix-xiehda tagħha tkompli meta tiddeskrivi li kif kienet qed tħallas *"rajnieha lil*

[24] Fol.5-7
[25] Fol.6
[26] Ibid.
[27] Fol.35

*din it-tfajla barra ahna u kien hemm partner nahseb magħha. Ragel.* ***U Clayton mar jgħid lil dak ir-raġel*** *qallu "Qaltli nice go widnejja".* Anke hawn iżda tgħid li kienet qed tħallas mingħajr ma tispjega kif taf xi kliem intqal fuq barra minn Clayton lil Vito Campanella.[28]

Jibqa l-fatt li anke Zammit tikkorobora l-verzjoni tal-imputat li **kien Mangion li mar għall-fuq l-imputat**!

Żżid li rat lill-imputat jwaddab flixkun lil Clayton u jtieh daqqa ta' ponn. Kif rat hekk telqet minn fuq il-post biex tipproteġi lit-tarbija fil-*pushchair*. Ghalkemm tgħid li rat lill-imputat jaghti l-ewwel daqqa lil Mangion, ma tafx tgħid f'liema parti tal-ġisem l-imputat laqat lill-Mangion anzi tammetti li tista' timmaġina li kien hemm daqqiet oħra biex jiddefendi ruħu Mangion iżda ma semgħet xejn u ma ratx dan.[29]

Tgħid ukoll li kif Mangion ħareġ mis-supermarket, hija kienet għadha qeda tħallas; però meta ħarset rat lill-imputat jwaddab flixkun tal-ħġieġ lejn Mangion u tah daqqa ta' ponn. Zammit tkompli li wara li rat lill-imputat jagħti daqqa ta' ponn lil Mangion, hija telqet bil-*pushchair* minħabba li kellha lit-tifel magħha u ma rat xejn aktar.

Verżjoni li ftit din il-Qorti tista' tistrieħ fuqha tenut kont tad-diverġenza mal-ewwel verżjoni mogħtija dakinhar tal-akkadut, ftit tal-ħin wara.

**Zsanett Balzan**, spjegat li dakinhar tal-inċident, hi flimkien mal-imputat (li sa meta xehdet ma kienux baqgħu f'relazzjoni) marru sabiex jixtru mill-Spar supermarket ta' San Pawl il-Baħar, fejn hemmhekk hija daħlet tixtri *sour cream* u żewġ fliexken birra. Kif daħlet, "*I noticed that the guy who's name I don't know was telling me: "Hello" and it was like we know each other from somewhere and in that moment I didn't remember but I just went for my product and I wanted to leave the supermarket.* ***After I paid the cashier I noticed someone running behind me. That was whom I mentioned ...and he told me "Stop" and say the bad word...A whore, a bitch, "Stop bitch"...*** *I turned around then in the same time Vito jumped out of the ċar and they started to argue and it ended up as a fight and I am not sure who started it because Vito is a very jealous person and he was always looking at my messages, blocking out of my Facebook several people and I found also texting people....".* [30]

---

[28] Fol.36
[29] Fol.38
[30] Fol.67

Kien appena ħarġet mis-supermarket li Mangion ħareġ warajha jgħajjat *"Stop bitch"* u hi baqgħet dieħla fil-karozza u Mangion jiġri warajha.[31] Kif wasslet fil-karozza ***"Vito jumped out and tried to protect me from him...because he was nervous and running after me so obviously he jumped out from the ċar and stopped him****....the guy [Mangion] pushed him, ....and he went on the floor Vito"*.[32] Tispeċifika li sabiex jipproteġiha minn Mangion, l-imputat *"Came between us"*.[33]

L-imputat **Vito Campanella** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda. Beda biex jispjega li kienu bejn is-sebgħa u t-tmienja ta' filgħaxija u waqaf quddiem supermarket mat-tfajla tiegħu w bintha. Hu w t-tifla ta' ħames snin baqgħu fil-vettura sakemm it-tfajla tiegħu, Zsnatte Balzan, kienet fis-supermarket. Fil-ħin li ħallset bil-*card* tiegħu rċieva messaġġ u resaq viċin is-supermarket biex irrikibha. F' temp qasir wara, ħareġ raġel u beda jgħajjat magħha. Jiddeskrivi lil Balzan bħala *"Kienet ġejja fid-direzzjoni tiegħi"* u semgħu jgħidilha *"'X'għidt? I am sweet'"*. X'ħin sema dan u ra li l-atteġġjament tiegħu kien aggressiv, ħareġ mill-vettura u qallu bl-Ingliż *"What's up my friend, calm down"*.[34] Ikompli *"Imma rajtu wiccu, għajnejh kien juri l-aggresivita tiegħu. X'ħin rajt li hu baqa ma waqfx u sejjer għal fuqha jiena mort mal-ewwel b'idejja quddiemi bħal speċi: 'Ieqaf, ikkalma'. Appena għamilt hekk hu qabad u beda jtini bis-sieq, bil-ponn u waqqgħani mal-art"*. Peress li kellu *fractures* minn madwar tlett xhur qabel, ma kellux saħħa jiddefendi ruħu. Għalkemm terzi qalgħuh minn fuqu meta kien għadu mal-art hu baqa' aggressiv lejh. Ikompli li sadanittant wasslu l-pulizija fuq il-post wara li **kien hu li ċemplilhom**, iżda r-raġel baqa aggressiv anke quddiemhom *"U beda jgħidli: 'You are pufta, you call the Police'."* Dan wasal sabiex il-pulizija għamlulu l-manetti w ħaduh minn fuq il-post.[35]

Campanella jixhed li sofra uġigħ u kellu ħmura f'saqajh, dirajh, ġenbejh u f'rasu. *"Beda jtini bil-ponn u bis-sieq u jien stess bdejt nipprova nipprotegi lili nnifsi ....nipproteġi anke l-għadam li kelli miksur li kont għadni ma fieqtx bihom"* tant li r-*recovery* minn waqa li kien sofra fejn kisser l-għadma ta' wara fejn tibda s-sieq, l-spalla u tlett kustilji, ħadu aktar zmien biex ifiq għaliex ir-*recovery* kellu jerġa jinbeda mill-ġdid.[36]

Kompla jispjega kif meta ġie mitkellem l-Għassa għarraf lill-Ispettur Prosekutur li kien hemm *cameras* li setgħu jikkonfermaw il-verżjoni tiegħu. Mitlub jispjega kif Mangion spiċċa jġarrab ġrieħi, pront iwieġeb li meta wieħed jagħti xi daqqa, dak iweġġa ukoll, *"Kien quddiem il-garaxx u 99% jew intlaqat mill-*

---

[31] Fol.71

[32] Fol.72-73

[33] Fol.73

[34] Fol.108-109

[35] Fol.110

[36] Ibid.

*garaxx jew minn mal-ħajt. Jien ma kellhi l-ebda sinjali li tajt jiena. Fuq ġismi ma kien hemm l-ebda feriti li jiena stajt tajt xi xebgħa lil xi ħadd."*[37]

Ir-ritratti li jidhru fl-*stills*[38] jikkonfermaw li l-ġlieda ssoktat ħdejn żewġ garaxxijiet fil-kantuniera w faċċata tas-*supermarket.*

Il-Qorti ma tistax ma tagħtix piż lil din id-depożizzjoni. Jirriżulta li Mangion kien fekkek subagħ, ġerħa li faċilment tiġi wara li l-id tkun skontrat *blunt trauma* inkluż meta dik l-id intużat sabiex tagħti xi daqqa.

*Il-Ġrieħi*

**Dr. Bernard Spiteri Meilak** xehed li hu kien eżamina lil Clayton Karl Mangion ġewwa l-Mosta Health Centre, *"rajtlu "a bruise proximal to nail of fifth finger right hand, about three centimetre superficial laceration on inner aspect of upper lip middle third, about one centimetre superficial abrasion in ferro lateral to the left nostril." Imbagħad kont ħadtlu chest x-ray li kien rappurtat as no fractures present. Ħadtlu hand right x-ray, minimally displaced fracture to the base of little finger distal failings as per report. U n-natura tal-ġrieħi ġew grievious minħabba f'hekk."*[39]

Mhux mingħajr rilevanza li Mangion naqas milli jippreżenta ruħu quddiem it-Tabib Mediku Forensiku maħtur mill-Qorti Dr. Edward Cherubino.[40]

**Dr. Alec Mifsud** xehed li eżamina lil Vito Campanella u sab li kellu *"area ta' 5 cm hmura fuq l-ispalla tax-xellug, kellu l-hmura fuq ic-cheeks on both sides u kienu quite diffused, kellu ftit hmura ta' xi 2cm over the nasal bridge u kellu hmura ta' 5 cm fuq il-mandible tal-left fuq il-jaw"*.[41] Kopja taċ-ċertifikat maħruġ minnu ġiet esibita mix-xhud.[42]

Ikkunsidrat ulterjorment,

Ir-riluttanza tal-parte leża - li f'dawn il-proċeduri baqgħet ma ikkostitwitx ruħha bħala parte civile - sabiex tiġi eżaminata mit-tabib maħtur mill-Qorti kif lanqas għażlet li tixhed, ma għenet xejn il-każ tal-prosekuzzjoni.

---

[37] Fol.111
[38] **Dok.JM**
[39] Fol.25-26
[40] Fol.97
[41] Fol.64
[42] **Dok.AM** a fol.66

**Hawn għandu jiġi mfaħħar l-intervent f'waqtu tal-Pulizija u mhux anqas, il-mod altru professjonali kif nġabu l-quddiem il-provi f'din il-kumpilazzjoni, bi provi sew kontra iżda anke favur l-imputat. Bħal l-investigazzjoni kondotta minnu, il-Qorti tirrimarka pożittivament dwar il-mod studjat u meqjus li l-Uffiċjal Prosekutur mexxa din il-kumpilazzjoni.**

Mill-atti proċesswali, ntwera biċ-ċar kif kien Mangion li mar ifittex l-alterkazzjoni, bl-imputat jisfa sbalordit hekk kif ra dan ir-raġel, li mill-*stills* jidher raġel mibni sew, joħroġ vleġġa wara t-tfajla tiegħu. Ftit tista' tingħata affidabbiltà t-tfajla ta' Mangion, Christina Zammit, li kif intqal fl-ewwel verżjoni tagħha tonqos milli ssemmi dettalji importanti li, stranament tiftakarhom biss wara trapass taż-żmien u meta tixhed *viva voce*. Iżda anke hawn jirriżulta li hi la semgħet il-kliem li suppost intqal bejn Balzan u Mangion u wisq anqas ma setgħet rat kif zvolġiet il-ġlieda għaliex fl-ewwel lok, u kif jixhed il-filmat, meta ġew fl-idejn hi kienet għadha fuq ġewwa tal-ħanut. Christina Zammit tixhed hekk, *"U mbghad jiena dak il-ħin kont qed inħallas u kif hareg Clayton jghidlu jiena kont ghadni qed inhallas pero jiena lhaqt l-iehor iwaddablu l-flixkun...<u>ghax smajtu jinfaqa</u>...waddab flixkun lil Clayton u tah daqqa ta' ponn"*.[43] Stranament imbghad ttenni li meta rat l-imputat jaghti daqqa ta' ponn lil Mangion hi kienet għadha fuq ġewwa tant li anke il-filmati juru li hi ma kienitx fuq barra ħlief meta l-ġlieda kienet għaddejja.

Jerġa jitfakkar dak li stqarret *a tempo vergine*, verżjoni fejn dak li issa tgħid li gara meta mitkellma l-ewwel darba qalet biss li kienet possibilità ***"might"*** **għax semgħet ħġieġ jinkiser u mhux għax rat lill-imputat jitfa flixkun!** Fil-fatt *a tempo vergine* Zammit meta stqarret *"at some point the other male **might** have threw a glass bottle towards Clayton as she* **heard** *glass breaking however **she was not sure if he had hit him with it**...her main concern was the safety of her child"*.[44] Daqstant ieħor lanqas issemmi id-daqqa ta' ponn li suppost l-imputat kien taha lil Mangion.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti aktar tagħti kredibbilità lix-xiehda tal-imputat. Jirriżulta aktar probabbli, kif jgħid hu stess kif ukoll t-tfajla tiegħu w kif jiġi korroborat mis-*cctv*, li hu li kien għall-affari tiegħu fil-vettura jistenna lil Balzan u malli ra lil Mangion ħiereġ għal warajha, istintivament ħareġ mill-vettura biex jipproteġiha. M'hemmx dubbju dwar l-aggressività ta' Mangion, tant li lanqas minn erba' uffiċjali tal-Pulizija ma beża jew trażżan anzi baqa jillettika u jistieden lil Campanella għall-ġlied.

---

[43] Fol.36-37
[44] Fol.19

Għaldaqstant anke jekk, għall-grazzja tal-argument, l-imputat kien l-ewwel wieħed li taha daqqa ta' ponn lil Mangion – xi ħaġa li ma ġietx remotament pruvata – jibqa' l-fatt li l-artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **223.** Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat *funditus* id-dottrina tal-leġittima difeża fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clint Zammit:**[45]

> "**46.** Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat dina l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata :-
>
> **"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.[46]"**
>
> **47.** Illi l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali ighid hekk dwar din l-iskriminanti:
>
> **Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.**
>
> **48.** Illi d-decizjoni ta` spiss iccitata fejn saret esposizzjoni legali ta' din l-iskriminati hija **Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa** deciza minn din il-Qorti diversament komposta fis-16 ta` Ottubru 2003 fejn inghad hekk :-
>
> **"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-**

[45] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Deċiża 20 ta' Marzu, 2019; Appell Nru. 223/2014. Vide mill-istess Qorti kif preseduta **Il-Pulizija vs Zachary Vella**; Appell Nru. 46/2017; Deċiża 3 ta' Mejju, 2019

[46] Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995, fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Joseph Psaila'**

minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.

Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):
"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."

Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tat-23 ta' Gunju, 1978 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech, wara li accennat ghall-kontroversja klassika bejn dawk li jghidu li jekk l-aggredit seta' jahrab kien tenut li jaghmel hekk u dawk li jghidu li l-aggredit ma ghandu qatt jirtira, kompliet hekk:

"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-principji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."

Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`[47]."

Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan Francesco Antolisei jghid hekk:

---

[47] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), preseduta mill-Imħallfin Vincent Degaetano, Joseph A. Filletti u David Scicluna u deċiża fis-16 ta' Ottubru, 2003.

**“Il codice Zanardelli parlava di pericolo ‘imminente’, dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l’aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato”**

**49**. Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela ta’ persuna jew tal-gheziez taghha, b`tali mod illi qtil isir gustifikat. Dan isehh meta persuna tkun sabet ruhha wicc imb’wicc ma` agressjoni ngusta tant illi ma tkunx tista’ tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli. Id-dritt penali Taljan fil-fatt isemmi bhala zewg rekwiziti ghall-awto-tutela dik tan-necessita’ u tal-kostrizzjoni :-

**“La necessità di difendersi e la costrizione sono due elementi diversi ma tuttavia connessi. Necessità di difendersi significa che la reazione deve essere difensiva, e quindi non aggressiva, nel senso che deve essere un’azione che si contrappone ad un’altra azione uguale e contraria, o perlomeno analoga.**

**La costrizione implica che la legittima difesa non possa essere invocata tutte le volte che il soggetto aggredito aveva altre modalità di difesa (ad esempio quando poteva sottrarsi al pericolo con la fuga, oppure chiamando un agente nelle vicinanze). Il soggetto infatti deve essere costretto, cioè trovarsi in una situazione implicante impossibilità di scelta.**
**Si ha costrizione quando il soggetto subisce l'alternativa tra il reagire o tollerare l'attacco esterno senza esserne l'artefice. Ciò si verifica quando tale alternativa non è causata o accettata dall’aggredito o quando egli non possa sottrarvisi senza pregiudizio. Non è, pertanto configurabile la costrizione se il soggetto agente abbia agito non per scopo difensivo, ma per risentimento o ritorsione (Sez. 1, n. 3200 del 18 febbraio 2000) o in un contesto di sfida reciproca (Sez. 5, n. 7635 del 16 novembre 2006; Sez. 1, n. 365 del 24 settembre 1999). La legittima difesa non è neppure invocabile da parte di colui che accetti una sfida o si ponga volontariamente in una situazione di pericolo dalla quale è prevedibile o ragionevole attendersi che derivi la necessità di difendersi dall'altrui aggressione.[48]”**

**50**. Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-agressjoni u cioe’ jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista’ jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.

**51**. Fil-fatt id-dritt penali Taljan jippresupponi zewg rekwiziti ghall-applikazzjoni ta` din l-iskriminanti :-

**L’accertamento della legittimità va infatti operato in due momenti differenti, il primo avendo riguardo all’offesa e al pericolo da questa generato, il secondo avendo riguardo invece alla difesa vera e propria.**

48 http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

**La legge richiede in primo luogo che si agisca per difendere un diritto contro un'offesa ingiusta. Il significato di questo punto è sufficientemente chiaro e univoco da non richiedere specificazioni.**

**Secondo e ultimo requisito per potersi legittimamente difendere è che il pericolo causato dall'offesa sia attuale, escludendo così tutti I casi in cui questo sia già esaurito o debba ancora verificarsi.**[49]

**52**. Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.[50]"

Imbgħad l-artikolu 226Ċ tal-Kodiċi ikompli:

**226Ċ.** Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 225, 226 u 226A, persuna m'għandhiex tkun responsabbli kriminalment jekk, ikkonfrontata b'periklu attwali jew imminenti lil persuna oħra, tieħu l-azzjoni meħtieġa sabiex tiżgura s-sigurtà ta' dik il-persuna, anke jekk l-azzjoni fil-fatt ma tiżgurax is-sigurtà tal-persuna:

Iżda dan l-artikolu ma japplikax fil-każ meta l-mezzi użati jkunu sproporzjonati għall-gravità tat-theddida jew meta l-azzjoni tkun ittieħdet dolożament jew b'negliġenza grossolana.

Ċertament f'dan il-każ ma ntużaw l-ebda mezzi li kienu sproporzjonati għall-gravità tat-theddida li Mangion fiżikament u viżwalment kien jirrappreżenta f'dawk iċ-ċirkostanzi.

Ġaladarba l-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni minħabba r-raġunijiet ġa spjegati aktar il-fuq, wisq anqas ma tista' ssib ħtija fit-tieni imputazzjoni, ġaladarba kollox jindika li kien l-imputat li kien ġie attakkat. Kien ukoll l-istess imputat li saħansitra fil-presenza tal-pulizija, sa mill-wassla tagħhom fuq il-post wara li kien sejjaħ għalihom hu stess, instab kajman, u ikkowopera bi sħiħ magħhom. Kuntrarju għall-atteġġjament aggressiv li baqa maħkum minnu Mangion fejn anke kellu jiġi immanetjat u meħud l-Għassa.

---

49 http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

50 App. Sup – **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti** deċiża 03/10/2018

In vista tas-suespost, l-imputat qed jiġi liberat minn kull ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**